A.L. 37 ta' l-1989

ATT TA' L-1973 DWAR IL-BASTIMENTI MERKANTILI

(ATT NRU. XI TA' L-1973)

Regolamenti ta' l-1989 li jemendaw l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 6(2) u 374 ta' l-Att ta' l-1973 dwar il-Bastimenti Merkantili, il-Ministru għall-Iżvilupp Terzjarju, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1989 li jemendaw l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili. Titolu u bidu fis-seħħ.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Frar, 1989.

2. Minflok l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1973 dwar il-Bastimenti Merkantili, għandha tidħol din l-Iskeda ġdida li ġejja: Jissostitwixxi l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1973 dwar il-Bastimenti Merkantili.

"L-EWWEL SKEDA

Artikolu 6

DRITTIJIET TA' REĠISTRAZZJONI

A. (1) Dwar il-bastimenti kollha, ħlief għal dgħajjes tas-sajd li jkunu jappartjenu għal kollox lil ċittadini ta' Malta li jkunu sajjieda *whole-time* li jaħdmu bi qliegħ:

(a) Dritt ma' l-ewwel reġistrazzjoni:

Tunnellaġġ tal-bastiment li dwaru jitħallas id-dritt	*Rata għal kull tunnellata*
għal kull tunnellata mill-ewwel 8,000 tunnellata	10 ċentezmi
għal kull tunnellata li taqbeż it-8,000 tunnellata	3 ċenteżmi.

(b) Dritt ta' kull sena:

Tunnellaġġ tal-bastiment li dwaru jitħallas id-dritt	*Rata għal kull tunnellata*
għal kull tunnellata mill-ewwel 8,000 tunnellata	15-il ċenteżmu
għal kull tunnellata li taqbeż it-8,000 tunnellata iżda ma taqbiżx l-10,000 tunnellata	8 ċenteżmi
għal kull tunnellata li taqbeż l-10,000 tunnellata iżda ma taqbiżx il-15,000 tunnellata	6 ċenteżmi
għal kull tunnellata li taqbeż il-15,000 tunnellata iżda ma taqbiżx l-20,000 tunnellata ...	5 ċenteżmi
għal kull tunnellata li taqbeż l-20,000 tunnellata iżda ma taqbiżx it-30,000 tunnellata ..	4 ċenteżmi
għal kull tunnellata li taqbeż it-30,000 tunnellata iżda ma taqbiżx il-50,000 tunnellata ..	3 ċenteżmi
għal kull tunnellata li taqbeż il-50,000 tunnellata	2 ċenteżmi.

(2) Id-dritt minimu ma' l-ewwel reġistrazzjoni u d-dritt minimu ta' kull sena għandhom ikunu daqs id-dritt li jitħallas rispettivament fuq mitt tunnellata.

(3) Id-dritt ta' kull sena li jkollu jitħallas għall kull sena partikolari (ħlief għas-sena ta' l-ewwel reġistrazzjoni) għandu jiżdied skond l-iskala indikata hawn taħt għal kull membru ta' l-ekwipaġġ li ma kienx ċittadin ta' Malta għal kull perijodu ta', jew kull total ta' perijodi li flimkien jagħmlu, tletin ġurnata li fihom dak il-membru ta' l-ekwipaġġ kien impjegat fuq il-bastiment fis-sena sewwa sew qabel dik li għaliha d-dritt ikollu jitħallas:

Membri ta' l-ekwipaġġ	*Rata għal kull membru ta' l-ekwipaġġ*
għal kull wieħed mill-ewwel 30 membru	100 ċenteżmu
għal kull membru 'l fuq mit-30 membru iżda mhux 'il fuq mill-100 membru	50 ċenteżmu
għal kull membru 'il fuq mill-100 membru ...	20 ċenteżmu.

B. Dwar dgħajjes tas-sajd li jkunu jappartjenu għal kollox lil ċittadini ta' Malta li jkunu sajjieda *whole-time* li jaħdmu bi qliegħ:

Dritt ma' l-ewwel reġistrazzjoni ..... 10 ċenteżmi kull tunnellata

Dritt ta' kull sena ..... 5 ċenteżmi kull tunnellata.

Ċ. Id-dritt ma' l-ewwel reġistrazzjoni u d-dritt ta' kull sena dwar kull bastiment għandhom jiġu kkolkolati 'il fuq lejn l-eqreb lira sħiħa.

D. Għall-finijiet ta' din l-Iskeda,

"dgħajsa tas-sajd" għandu jkollha t-tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 206(7) ta' l-Att ta' l-1973 dwar il-Bastimenti Merkantili; u

"tunnellata" tfisser unità ta' tunnellaġġ nett jew reġistrat, u t-tunnellaġġ nett jew reġistrat ta' bastiment li jkollu tunnellaġġ nett jew reġistrat alternattiv għandu jittieħed li jkun l-ikbar tunnellaġġ.".